

31997D0736

29.10.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 295/37

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-14 ta' Ottubru 1997

dwar l-importazzjoni ta' l-annimali ħajjin, laħam frisk u prodotti tal-laħam mir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u l-Groenlandja li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE

(Test b'relevanza ŻEE)

(97/736/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi marbuta mas-saħħa u l-ispezzjonijiet veterinarji fuq l-importazzjoni ta' l-annimali ta' l-ifrat u l-majjali kif ukoll laħam frisk u prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 96/91/KE⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 3 tagħha,

Billi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE⁽³⁾, kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/160/KE⁽⁴⁾, tfassal lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-annimali ta' l-ifrat, tal-majjali, tar-razza taż-żwiemel, tan-nagħaġ u l-mogħoż, laħam frisk u prodotti tal-laħam;

Billi, wara l-missjoni veterinarja mill-Komunità, jidher li r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja hija mgħammra b'servizzi veterinarji mibnija u organizzati tajjeb; billi l-pjan tar-residwi ġie ppreżentat u miftiehem mill-Istati Membri;

Billi l-vaċċinazzjoni kontra d-deni klassiku fil-majjali hija mwettqa fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja; billi d-deni klassiku fil-majjali jista' jseħħ minn żmien għal żmien; billi, għalhekk, l-importazzjoni tal-majjali minn dak il-pajjiż m'għandhiex għalhekk tkun awtorizzata;

Billi r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja għandha tiżdied mal-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-annimali ta' l-ifrat, tar-razza taż-żwiemel, tan-nagħaġ u l-mogħoż, laħam frisk kif ukoll prodotti tal-laħam;

Billi l-Groenlandja għandha tiżdied mal-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' nagħaġ u mogħoż;

Billi d-Deċiżjoni 79/542/KEE għanda tkun emendata kif xieraq;

Billi l-kondizzjonijiet speċifiċi dwar is-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni għall-importazzjoni ta' l-annimali ta' l-ifrat, tal-majjali, tar-razza taż-żwiemel, tan-nagħaġ u l-mogħoż, laħam frisk kif ukoll prodotti tal-laħam għandhom jiġu stabbiliti f'deċiżjonijiet oħra skond is-sitwazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali fil-pajjiżi terzi kkonċernati;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni mir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja ta':

- (a) l-annimali ħajjin, apparti milli l-majjali;
- (b) laħam frisk mill-ispeċi ta' l-ifrat, tan-nagħaġ, tal-mogħoż, tal-majjali u dawk ta' difer wieħed; u
- (ċ) l-prodotti tal-laħam.

2. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni mill-Groenlandja ta' l-annimali ta' l-ispeċi tan-nagħaġ u l-mogħoż.

3. L-importazzjoni imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom iwettqu l-kriterji rilevanti dwar l-annimali u s-saħħa tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.

⁽²⁾ ĠU L 13, tas-16.1.1997, p. 26.

⁽³⁾ ĠU L 146, tal-14.6.1979, p. 15.

⁽⁴⁾ ĠU L 62, tal-4.3.1997, p. 39.

Artikolu 2

Il-Parti I ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 79/542/KEE għandha tkun emendata kif ġej:

1) Il-linja li ġejja għandha tiddaħħal bi qbil ma' l-ordni alfabetika tal-kodiċi ISO:

“FY | Repubblika Federali tal-Jugos- | x | x | x | x | x | x | x | x | o | x | (1) | | | XR |”
 | lavja

2) Il-linja

“GL | Groenlandja | x | x | o | x | x | x | o | o | o | x | (1) | | | XR |”

hija mibdula bi

“GL | Groenlandja | x | x | o | x | x | x | o | x | o | x | (1) | | | XR |”

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 14 ta' Ottubru 1997.

Għall-Kummissjoni
 Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni